*NULLITA` CITAZZJONI – PRESKRIZZJONI –*

*OKKUPAZZJONI TA' FABBRIKA*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu 2001**

**Kawza Numru. 10**
**Citaz. Numru. 66/95/RCP.**

**Patrick Staines bhala Deputat Chairman ghan-nom u in rappresentanza tal-Malta Development Corporation u b'nota tat-18 ta' Novembru 1999 il-Malta Development Corporation assumiet l-atti tal-kawza minflok Patrick Staines nomine.**

**vs**

**Paul Tabone bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` International Cane Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi permezz ta' ittra li ggib id-data tat-13 ta' LuIju, 1981 (Dokument "A") l-attur nomine kien alloka lill-konvenut nomine l-fabbrika KW26, Corradino Industrial Estate, limiti ta' Rahal Gdid li hija propjeta` tal-Gvern ta' Malta.

Illi I-konvenut nomine ilu jokkupa I-fabbrika KW26, Corradino Industrial Estate, limiti ta' Rahal Gdid mill-21 ta' Ottubru, 1981.

Illi minkejja li gie interpellat ufficjalment (Dokument "B") biex ihallas lill-attur nomine il-kumpens dovut ghall-okkupazzjoni tramite likwidazzjoni, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti.

L-istess attur nomine talab li ghalhekk I-istess konvenut nomine jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhix:

(1) Tillikwida I-kumpens dovut li ghandu jithallas mill-konvenut nomine lill-attur nomine ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika KW26, Corradino

Industrial Estate, limiti ta' Rahal Gdid mill-21 ta' Ottubru, 1981 sal-31 ta' Didembru, 1994.

(2) Tikkundanna lill-istess konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma hekk likwidata in linea ta' kumpens.

BI-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru, 1993 u tal-mandat ta' qbid li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut nomine li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti ma l-istess citazzjoni attrici a fol 7 *et sequitur* tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante li l-attur nomine ma talab ghall-ebda dikjarazzjoni ta' responsabbilita' tal-attur ghall-hlas ta' kumpens.

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-preskrizzjoni ta' hames snin skond l-Artikolu 2156 (c) u (f) tal-Kap 16.

3. Minghajr pregudizzju ghas-sue espost, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi spjegat fil-mori tal-kawza.

4. Illi l-attur illum qed jitlob likwidazzjoni pero' fil-fatt fl-ittra ufficjali huwa kien talab somma esagerata anke stante il-fatt li l-fond f'diversi perijodi ma kienx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine a fol 14 *et sequitur* tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn gie premess:

Illi l-konvenut nomine jixtieq jipprevalixxi ruhu mit-talba tas-socjeta' attrici fic-citazzjoni odjerna huwa qed jaghmel din il-kontro-talba tieghu

Illi sa minn Awissu 1981 u cioe' qabel ma effettivament qed tintalab il-kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika imsemmija fic-citazzjoni, l-konvenut nomine kien talab ghal diversi drabi lill-attur

nomine sabiex jiehu hsieb jaghmel dawn ir-riparazzjonijiet necessarji sabiex jirrendu l-fabbrika funzjonabbli fost ohrajn hgieg fit-twieqi, riparazzjoni tal-bjut sabiex ma jkunx hemm aktar ilma, gewwa milli barra il-fabbrika;

Illi l-konvenut nomine, jidhirlu li l-Gvern ta' Malta li dak iz-zmien kien propjetarju tal-Qasam Industrijali ta' Kordin u wara l-1991 gie responsabbli l-attur nomine, dawn kellhom jaghmlu dak kollu possibbli sabiex l-konvenut nomine seta' jmexxi l-azjenda tieghu b'success minghajr ma joqghod jinkwieta fuq is-sigurta' li ma kienitx tezisti u ghadha sal-lum ma tezistix f'dan il-Qasam Industrijali;

Illi fil-fatt d-drabi li fihom l-konvenut nomine sofra hsarat konsistenti fi tkissir ta' hgieg, bibien, serq u vandalismu fil-fabbrika tieghu huma innumerabbli u ghalhekk il-valur tal-imsemmija fabbrika huwa baxx meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-perikoli u l-izvantaggi li hemm;

Illi sabiex jipprovdi aktar sigurta' fil-fabbrika, l-konvenut nomine kellu jaghmel diversi spejjez mill-fondi tas-societa' u dan anke minhabba li l-anqas il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni ma riedu jassiguraw l-istess fabbrika kontra s-serq;

Illi dawn l-ispejjez kollha jistghu jigu kalkolati u likwidati.

L-istess konvenut nomine talab li ghalhekk l-attur nomine jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjara lill-attur nomine responsabbli ta' danni kawzati stante l-ispejjez li gew inkorsi mill-konvenut nomine ghar-ragunijiet imsemmija supra;

2. tillikwida d-danni li ghandu jhallas l-attur nomine ghall-ispejjez maghmula kif imsemmija supra u dana anke permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-attur nomine sabiex jhallas dawn l-ammonti hekk likwidati.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-attur nomine li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 17 *et sequitur* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat a fol 21 tal-process:

1. Preliminarjament u bla pregudizzju, t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut nomine huma milquta minn preskrizzjoni ta' sentejn.

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet maghmula kontra tieghu fl-azzjoni rikonvenzjonali tal-konvenut Paul Tabone nomine, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-konvenut qieghed biss jipprova jfittex pretest biex jiggustifika l-fatt li ghall-tlettax-il sena ghamel uzu minn proprjeta` pubblika u ghal tali uzu hallas biss l-ekwivalenti ta' kumpens ghal sena.

3. Illi ir-riparazzjonijiet straordinarji li kienu mehtiega li jsiru fil-fabbrika in kwistjoni u li l-attur kien obbligat li jesegwixxi skond il-ligi, ilhom zmien twil li gew esegwiti (vide Dokument "A").

4. Illi l-ispejjez ta' hgieg fit-twieqi, li skond il-ligi huma kkonsidrati bhala riparazzjonijiet ordinarji u li ghalhekk irid ihallas ghalihom l-inkwilin jew l-okkupant, ma kienux jammontaw ghal aktar minn LM120 u dan kif indikat fil-*quotation* mibghuta mill-konvenut nomine lill-attur nomine permezz ta' ittra li ggib id-data tat-22 ta' Jannar, 1982 (Dokument "B").

5. Illi l-fatt li fl-ewwel snin ta' l-allokazzjoni il-konvenut, ghal diversi ragunijiet, m'ghamilx uzu mill-area kollha tal-fabbrika, irrifletta ruhu fil-kalkolu tal-kumpens ghall-okkupazzjoni. Tant hu hekk ghall-perjodu bejn il-21 ta' Ottubru, 1981 u l-21 ta' Gunju, 1988 il-kumpens mitlub mill-attur nomine kien gie ikkalkulat fuq area ta' 260 metri kwadri flok fuq it-total ta' 1188 metri kwadri.

6. Illi bhala sid tal-fabbrika in kwistjoni, l-attur nomine certament li m'ghandux jinzamm responsabbili ghas-sigurta` tal-fabbrika u ta' l-inhawi tal-madwar u ghall-vandalizmu u serq li jista' jsir minn terzi.

7. Illi ghaldaqstant it-talbiet rikonvenzjonali ta' Paul Tabone nomine ghandhom jigu michuda kontra tieghu bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol 22 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta’ Mejju 1995; tal-1 ta’ Dicembru 1995 fejn xehed George Francalanza; tat-8 ta’ Mejju 1996; tal-20 ta’ Novembru 1996 fejn Dr Bezzina ddikjara li l-attur nomine ma ghandux provi aktar u xehed il-konvenut; u tat-8 ta’ Jannar 1997;

Rat in-nota ta' Paul Tabone li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Marzu 1997; tal-31 t'Ottubru 1997; tad-9 ta' Marzu 1998; tas-26 ta' Ottubru 1998 fejn xehed in kontro-ezami l-konvenut nomine; tat-8 ta' Marzu 1999; tal-14 ta' Gunju 1999; tad-19 ta' Jannar 2000; tal-10 ta' April 2000; tal-31 ta' Mejju 2000; tal-31 ta' Ottubru 2000; tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn Dr K Borg Cardona ghall-attur informat lill-Qorti li sa dakinhar it-transazzjoni ma sehhitx. Il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenuti ghas-17 ta' Jannar 2001; u tas-17 ta' Jannar 2001 fejn il-konvenut u d-difensur tieghu msejjha diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr K Borg Cardona talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza peress li l-konvenuti la ghamlu affidavit, lanqas dehru u lanqas gabu xhieda. Il-Qorti laqghet tali talba u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza in diffett ostakolu ghas-27 ta' Marzu 2001.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi f'din il-kawza l-attur nomine ppremetta li hu kien alloka fabbrika lill-konvenut nomine f'Corradino Industrial Estate, u l-konvenut nomine ilu jokkupa l-fabbrika in kwistjoni mill-21 ta' Ottubru 1981. Illi l-attur

isostni li l-konvenut nomine ghandu jtih il-kumpens dovut ghall-okkupazzjoni u kien ghalhekk li pprezenta din il-kawza.

Illi l-konvenut nomine min-naha tieghu eccepixxa n-nullita` tac-citazzjoni, u l-preskrizzjoni ta' hames snin *ai termini* ta' l-Artikolu 2156 (c) u (f) tal-Kap 16. U min-naha tieghu l-konvenut pprevalixxa ruhu minn din il-kawza sabiex jaghmel kontro-talba.

(i) L-EWWEL ECCEZZJONI

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut nomine eccepixxa n-nullita` tac-citazzjoni stante li l-attur ma talab ghall-ebda dikjarazzjoni ta' responsabilita` ghall-hlas ta' kumpens.

Illi l-**Artikolu 156 tal-Kap 12** jipprovdi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha:

(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba; u

(b) it-talba jew talbiet.

Illi tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex adottat ir-rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-

sentenza "**Av Dr Carlo Moore noe vs Perit C Falzon et**" (P.A. A.M. – 15 ta' Dicembru 1995) gie deciz li:

"*u ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjediex kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda"* (vide kol.XXXIV.I.501;XXXIX – l-143; U XXXII-l-228).

Illi l-istess inghad fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit noe**" tal-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-**Art 156 (1)** giet spjegata b'dan il-mod:

"*Illi l-Artikolu 156 (1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art 155 (1) (illum 156 (1) tal-Kap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata*".

Illi fil-kaz "**Guido J Vella A&CE vs Dr Emanuel Cefai LL.D.**" (App Civ 4 ta' Novembru 1991 - Vol LXXV.II.467), il-Qorti sostniet li meta f'citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni ta' l-**Artikolu 156 (1) (a),** ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni tista' tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat.

Inoltre l-Qorti kompliet illi f'dawn il-kazijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi: in-nullita` ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

In fatti l-prassi odjerna mill-Qorti nostrana, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tan-1995, Inkluz dawk kontenuti fl-**Artikolu 175 tal-Kap 12,** hija li:

"*l-formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh"* ("**Charles Fino vs Alfred Fabri noe**" – Appell 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement "*l-atti ghandhom jigu salvati anziche` annullati jew dikjarati nulli*" ("**Dr Joseph Ellul vs Jos. G Coleiro**" – Appell 24 ta' Jannar 1964).

Illi dawn il-principji gew ukoll applikati minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi "**Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et**" (Cit Nru 831/97/RCP – 28 ta' Ottubru 1998) u f'"**Perit Vincent Cassar noe et vs Nicholas sive Lino Debono et**" – (Cit Nru 1217/98/RCP – 22 ta' Marzu 2000), u dan hekk ghandu jkun jekk verament irridu li kull cittadin jkollu access lejn il-Qorti biex jiehu l-gustizzja reali li jixraqlu.

Illi in vista ta' dan kollu ghalhekk l-eccepita nullita` minhabba n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghall-hlas ta' kumpens ma tidhirx gustifikata. Fil-fehma tal-Qorti, dan in-nuqqas m'ghandux iwassal ghan-nullita` tac-citazzjoni ghaliex fl-istess citazzjoni jezistu l-elementi kollha essenzjali biex din tkun tista' tigi sostnuta. Dan anki ghaliex il-konvenut nomine bl-ebda mod m'hu qed jigi pregudikat.

(ii) IT-TIENI ECCEZZJONI

Illi l-konvenut nomine eccepixxa wkoll il-preskrizzjoni ta' hames snin skond l-**Artikolu 2156 (c) u (f) tal-Kap 16**. Dawn japplikaw rispettivament ghall-azzjonijiet ghall-hlas ta' kera; ta' bini jew ta' raba'; u l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.

Illi l-attur ma kkontesta bl-ebda mod li tali preskrizzjoni sollevata mill-konvenut nomine mhux applikabbli ghall-vertenza odjerna. Illi m'hemm l-ebda dubju li hawn *si tratta* ta' kera ta' bini kif imsemmi fl-**artikolu 2156 (c)** – fil-*letter of intent* datata 13 ta' Lulju 1981 hemm kjarament imnizzel li kien se jkun hemm kera ta' fabbrika. Fi kwalunwe kaz taqa' wkoll taht is-subartikolu (f) peress li l-kwistjoni tirrigwarda hlas ta' kreditu li la ghandu preskrizzjoni aqsar li tirrizulta minn xi ligi ohra u lanqas jirrizulta minn xi att pubbliku. Kwindi m'hemm l-ebda dubju li l-preskrizzjoni ta' hames snin hi applikabbli, dan sakemm ma kienx hemm interruzzjoni ta' l-istess.

Illi l-Malta Development Corporation esebiet tlett ittri ufficjali kopji legali datati 7 ta' Gunju 1983, 26 ta' Gunju 1986 u 13 t'Ottubru 1993 rispettivament. Illi

min-naha tieghu l-konvenut nomine qed isostni li kien hemm preskrizzjoni. Illi jekk jigu ezaminati l-ittri ufficjali li gew prezentati, u li ma gewx kontestati, jirrizulta s-segwenti – il-korporazzjoni attrici qed titlob hlas mill-21 ta' Ottubru 1981 sal-31 ta' Dicembru 1994. Kwindi l-ewwel ittra ufficjali datata 7 ta' Gunju 1983 interrompit il-hames snin preskrizzjoni li bdew jiddekorru mill-21 ta' Ottubru 1981. It-tieni ittra ufficjali pprezentata fis-26 ta' Gunju 1986 – entro it-terminu ta' hames snin li kien iwassal sas-7 ta' Gunju 1988 – rega' interrompa l-preskrizzjoni u kwindi t-terminu ta' hames snin beda jiddekorri mill-gdid u kien jaghlaq fis-26 ta' Gunju 1991. Pero` l-ebda ittra ufficjali ma giet prezentata entro dan it-terminu. L-ittra ufficjali segwenti giet prezentata biss fit-13 t'Ottubru 1993. Kwindi mill-21 ta' Ottubru 1981 sas-26 ta' Gunju 1991 ghandha tigi applikata l-preskrizzjoni u jigi dikjarat li l-korporazzjoni attrici ma tistax tippretendi l-hlas tal-kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika in kwistjoni peress li l-perjodu gie preskritt. Ghalhekk l-effett fuq dan kollu ta' l-ittra ufficjali tat-13 t'Ottubru 1993 u li giet notifikata lill-konvenut nomine fil-15 t'Ottubru 1993 huwa li l-korporazzjoni attrici tista' titlob hlas biss mid-data tal-prezentata ta' tali ittra.

B'hekk l-ezami li jmiss isir huwa l-ammont dovut minn tali dati sal-31 ta' Dicembru 1994. Illi minn dak li jirrizulta mill-prospett immarkat Dok FGC1 (a fol 31 tal-process) il-konvenut nomine mit-22 ta' Gunju 1993

sal-21 ta' Dicembru 1993 kellu jhallas Lm1912. Biss minn nofs Ottubru sa Dicembru jekk jigi kalkolat kemm irid jaghti, l-ammont jitla' ghal madwar Lm800. Mit-22 ta' Dicembru 1993 sal-21 ta' Gunju 1994 irid ihallas l-ammont ta' Lm1912; u l-istess ammont irid jithallas ghall-perjodu bejn it-22 ta' Gunju 1994 u l-21 ta' Dicembru 1994. Jifdal biss ghaxart' ijiem mhux koperti, cioe` terz ta' pagament ta' xahar – kwindi jrid jizdied ammont iehor ta' Lm106 (Lm318 kull xahar % ⅓ = Lm106). B'hekk l-ammont globali li jirrizulta dovut allegatament mill-konvenut nomine huwa ta': Lm800 + Lm1912 + Lm1912 + Lm 106 = Lm4730).

Illi mill-provi u x-xhieda prodotti rrizulta bla ebda dubju li l-konvenut nomine okkupa tali fabbrika u ma kienx qed ihallas il-kumpens dovut. Ghalhekk huwa l-konvenut nomine li ghandu jhallas l-ammont imsemmi.

## III. <u>KONTRO-TALBA U ECCEZZJONIJIET GHALL-ISTESS KONTRO-TALBA</u>

Il-konvenut nomine f'din il-kawza ghamel ukoll kontro-talba. Permezz taghha huwa qed jitlob danni min-naha tal-korporazzjoni attrici. Fil-fatt huwa sostna li hu sa minn Awissu 1981 (qabel ma qed tintalab il-kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika) hu talab ghall-diversi drabi lill-attur nomine dak iz-zmien sabiex

jiehu hsieb jaghmel ir-riparazzjonijiet necessarji sabiex jirrendu l-fabbrika funzjonabbli fost ohrajn hgieg fit-twieqi, riparazzjoniet tal-bjut sabiex ma jkunx hemm aktar ilma gewwa milli barra l-fabbrika. Inoltre` jsostni wkoll illi kienet responsabilita` ta' l-attur nomine li kellu jassigura li fil-Qasam Industrijali in kwistjoni jkun hemm sigurta. Kwindi minhabba l-vandalizmu, serq u tkissir li sofra fl-istess fabbrika u spejjez sabiex jipprovdu sigurta` fil-fabbrika hu qed jitlob li jigu likwidati d-danni sofferti.

Min-naha taghha l-korporazzjoni attrici eccepiet preliminarjament illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut nomine huma milquta minn preskrizzjoni ta' sentejn. Illi in effetti r-rikonvenzjonant ma gabx provi dwar dak li qed jallega f'tali kontro-talba. *Di piu`* l-korporazzjoni attrici eccepiet il-preskrizzjoni ta' sentejn taht l-**artikolu 2153 Kap 12** li jipprovi li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'rejat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

"*L-azzjoni ghal danni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn meta d-danni huma derivanti minn kwazi-delitt, jigifieri fil-kaz ta' kolpa akwiljana u mhux ukoll fil-kaz ta' kolpa kontrattwali* (Vol 38 p 292)" – ("**Paul Abela et vs Anthony Farrugia et**" – Cit Nru 1505/95/GV/4 deciza fit-30 ta' April 1999). Fil-kaz in ezami d-danni huma derivanti minn allegat nuqqas/zball tal-korporazzjoni attrici rikonvenzjonata u

mhux minn rapport kontrattwali bejn il-partijiet. Ghalhekk f'dan il-kaz in ezami tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn.

Illi r-rikonvenzjonant semma' l-perjodu ta' Awissu 1981 u kwindi peress li ma gew prezentati l-ebda ittri ufficjali sabiex juru li tali perjodu gie nterrott u beda jiddekorri mill-gdid, allura l-perjodu gie preskritt. Dan qed jinghad tenendo kont tal-fatt ukoll li ebda provi dwar danni ma gew prezentati.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine hlief li tilqa' in parte t-tieni eccezzjoni tieghu, u **tilqa' t-talbiet attrici** bil-mod segwenti, b'dan illi:

(1) Tillikwida l-kumpens dovut li ghandu jithallas mill-konvenut nomine lill-attur nomine ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika KW26, Corradino Industrial Estate, limiti ta' Rahal Gdid mit-13 t'Ottubru 1993 sal-31 ta' Dicembru 1994 fl-ammont ta' erbat' elef seba' mija u tlettin lira Maltin (Lm4730).

(2) Tikkundanna lill-istess konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma erbat' elef seba' mija u tlettin lira Maltin (Lm4730) in linea ta' kumpens.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru, 1993 u tal-Mandat ta' Qbid pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi **tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-attur nomine** u tichad it-talbiet tar-rikonvenzjonant Paul Tabone nomine.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut Paul Tabone nomine.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Marzu 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**27 ta' Marzu 2001**